MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru 881/2012

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

vs

Niko Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta numru ta' identita' 170193M, akkuzat talli fis-26 ta' Gunju 2012 ghal habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija gewwa Triq Vinenzo Dimech u Triq l-Iljun, Floriana:

1. bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu

jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PC1304 Christopher Seychell, PC1302 Clint Zammit u PC1379 David Mizzi, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita'.
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hebb ghal persuna ta' PC1304 Christopher Seychell u PC1379 David Mizzi u kkagunalhom feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr A. Cordina mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. sar recediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 49, 50, 91, 95(1), 98, 221(1), 338(dd), 17(b)(d) tal-Kap 9.

Rat l-istqarrija rilaxxjata minnu.

Tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------